

9.11.2011

A7-0367/134

Emenda 134
Roberts Zile, Ryszard Czarnecki
fisem il-Grupp ECR

Rapport
Debora Serracchiani
Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

A7-0367/2011

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 - paragrafu 2 - punt d a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) L-Istati Membri jistgħu jeskludu dawn li ġejjin mill-applikazzjoni tal-Artikoli 6, 7, 8 u 13 u l-Kapitolu IV :

- impriżi ferrovjarji li joperaw biss servizzi ferrovjarji tat-trasport tal-merkanzija fuq infrastruttura ferrovjarja mmexxija minn dawn l-impriżi qabel ma tidħol fis-seħħ din id-Direttiva, u li għandha wisa' bejn il-binarji differenti minn dik tan-netwerk komuni f'dak l-Istat Membru, u li hija konnessa ma' infrastruttura ferrovjarja fit-territorju ta' Stat li mhux tal-UE - sakemm l-infrastruttura mmexxija mhijiex identifikata fid-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew.

Or. en

9.11.2011

A7-0367/135

Emenda 135

Artur Zasada, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz u oħrajn

Rapport

A7-0367/2011

Debora Serracchiani

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)

COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) L-Istati Membri jistgħu jeskludu dawn li ġejjin mill-applikazzjoni tal-Artikoli 6, 7, 8 u 13 u l-Kapitolu IV :

- impriżi ferrovjarji li joperaw biss servizzi ferrovjarji tat-trasport tal-merkanzija fuq infrastruttura ferrovjarja mmexxija minn dawn l-impriżi qabel ma tidħol fis-seħħ din id-Direttiva, u li għandha wisa' bejn il-binarji differenti minn dik tan-netwerk komuni f'dak l-Istat Membru, u li hija konnessa ma' infrastruttura ferrovjarja f'territorju ta' Stat li mhux tal-UE - sakemm l-infrastruttura mmexxija mhijiex identifikata fid-Deċiżjoni Nru. 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew.

Or. en

9.11.2011

A7-0367/136

Emenda 136

Mathieu Grosch, Werner Kuhn

f'isem il-Grupp PPE

Rapport

Debora Serracchiani

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)

COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

A7-0367/2011

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-kontijiet għall-oqsma differenti ta' attività msemmija fil-paragrafi 1 u 3 għandhom jinżammu b'mod li jippermetti l-monitoraġġ ***tal-projbizzjoni fuq it-trasferiment ta' fondi*** pubbliċi ***mħallsa lil qasam wieħed ta' attivitajiet lejn kategorija oħra.***

Emenda

4. ***Sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa tal-ispejjeż tal-infrastruttura***, il-kontijiet għall-oqsma differenti ta' attività msemmija fil-paragrafi 1 u 3 għandhom jinżammu b'mod li jippermetti l-monitoraġġ ***tal-konformità mal-paragrafi preċedenti u l-monitoraġġ tal-użu tal-introjtu mill-piżijiet infrastrutturali, l-eċċessi minn attivitajiet kummerċjali oħra tal-finanzjamenti*** pubbliċi ***u privati mħallsa lill-manijer tal-infrastruttura.***

Id-dħul tal-manijer tal-infrastruttura bl-ebda mod m'għandhom jintużaw minn impriża ferrovjarja jew korp jew ditta li tikkontrolla impriża ferrovjarja billi dan jaf isaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fis-suq jew jippermettilha tikseb vantaġġi ekonomiċi fuq impriżi ferrovjarji oħrajn.

Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tipprevjeni, skont is-superviżjoni tal-korp regolatorju kif imsemmi fl-Artikolu 55, rimborż, inkluż il-pagament tal-imgħax skont il-kundizzjonijiet tas-suq, tas-self finanzjarju mhux mill-fondi pubbliċi, magħmula disponibbli mill-korp jew mid-ditta li tikkontrolla l-impriża ferrovjarja għall-manijer tal-infrastruttura.

Or. en

AM\883150MT.doc

PE472.775v01-00

9.11.2011

A7-0367/137

Emenda 137

Mathieu Grosch, Werner Kuhn

f'isem il-Grupp PPE

Rapport

Debora Serracchiani

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)

COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

A7-0367/2011

Proposta għal direttiva

Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-funzjonijiet li jiddeterminaw aċċess ekwu u nondiskriminatorju għall-infrastruttura, elenkati fl-Anness II, ikunu fdati lil korpi jew lil ditti li ma jipprovdux huma stess xi servizzi tat-trasport ferrovjarju. Irrispettivament mill-istruttura organizzattiva, irid jintwera li dan l-għan ikun inkiseb.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-funzjonijiet li jiddeterminaw aċċess ekwu u nondiskriminatorju għall-infrastruttura, elenkati fl-Anness II, ikunu fdati lil korpi jew lil ditti li ma jipprovdux huma stess xi servizzi tat-trasport ferrovjarju. Irrispettivament mill-istruttura organizzattiva, irid jintwera li dan l-għan ikun inkiseb. ***Madankollu, fl-immaniġġjar tat-traffiku fuq in-netwerk, il-kooperazzjoni effikaċi tal-impriżi ferrovjarji u l-manijers tal-infrastruttura hija essenzjali.***

Or. en

9.11.2011

A7-0367/138

Emenda 138

Saïd El Khadraoui, Debora Serracchiani

fisem il-Grupp S&D

Mathieu Grosch, Werner Kuhn

fisem il-Grupp PPE

Rapport

Debora Serracchiani

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)

COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

A7-0367/2011

Proposta għal direttiva

Premessa 22 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) L-aċċess imtejjeb għal informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u s-servizzi tal-biljetti fi stazzjonijiet tal-passiġġieri għandu jikkumplimenta inizzjattivi regolatorji oħra mmirati li jiffaċilitaw il-ħolqien u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet telematiċi għall-passiġġieri.

Or. en

9.11.2011

A7-0367/139

Emenda 139

Saïd El Khadraoui, Debora Serracchiani

fisem il-Grupp S&D

Mathieu Grosch, Werner Kuhn

fisem il-Grupp PPE

Rapport

Debora Serracchiani

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)

COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

A7-0367/2011

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-kontijiet għall-oqsma differenti ta' attività msemmija fil-paragrafi 1 u 3 għandhom jinżammu b'mod li jippermetti l-monitoraġġ ***tal-projbizzjoni fuq it-trasferiment ta' fondi*** pubbliċi ***mħallsa lil qasam wieħed ta' attivitajiet lejn kategorija oħra.***

4. ***Sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa tal-ispejjeż tal-infrastruttura***, il-kontijiet għall-oqsma differenti ta' attività msemmija fil-paragrafi 1 u 3 għandhom jinżammu b'mod li jippermetti l-monitoraġġ ***tal-konformità mal-paragrafi preċedenti u l-monitoraġġ tal-użu tal-introjtu mill-piżijiet infrastrutturali, l-eċċessi minn attivitajiet kummerċjali oħra tal-finanzjamenti*** pubbliċi u privati ***mħallsa lill-manijer tal-infrastruttura.***

Id-dħul tal-manijer tal-infrastruttura bl-ebda mod m'għandu jintuża minn impriża ferrovjarja jew korp jew ditta li tikkontrolla impriża ferrovjarja billi dan jaf isaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fis-suq jew jippermettilha tikseb vantaġġi ekonomiċi fuq impriżi ferrovjarji oħrajn.

Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tipprevjeni, skont is-superviżjoni tal-korp regolatorju kif imsemmi fl-Artikolu 55, rimborż, inkluż il-pagament tal-imgħax skont il-kundizzjonijiet tas-suq, tas-self finanzjarju mhux mill-fondi pubbliċi, magħmula disponibbli mill-korp jew mid-ditta li tikkontrolla l-impriża ferrovjarja għall-manijer tal-infrastruttura.

AM\883150MT.doc

PE472.775v01-00

Or. en

AM\883150MT.doc

PE472.775v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

9.11.2011

A7-0367/140

Emenda 140

Saïd El Khadraoui, Debora Serracchiani

fisem il-Grupp S&D

Mathieu Grosch, Werner Kuhn

fisem il-Grupp PPE

Rapport

Debora Serracchiani

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)

COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

A7-0367/2011

Proposta għal direttiva

Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u *tal-Kunsill*. impriża ferrovjarja għandha tkun assigurata b'mod adegwat biex tkun koperta, skont il-liġi nazzjonali u internazzjonali, għar-responsabbiltajiet tagħha, fil-każ ta' aċċidenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-merkanzija, il-posta u terzi persuni.

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u *tal-Kunsill*¹⁶, impriża ferrovjarja għandha tkun assigurata b'mod adegwat ***jew ikollha garanziji adegwati skont il-kundizzjonijiet tas-suq*** biex tkun koperta, skont il-liġi nazzjonali u internazzjonali, għar-responsabbiltajiet tagħha, fil-każ ta' aċċidenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-merkanzija l-posta u terzi persuni. ***Il-livell ta' kopertura li jitqies adegwat jista' jkun iddivrenzjat sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispeċifiċitajiet tas-servizzi, b'mod partikolari għall-ħidma ferrovjarja għal skopijiet kulturali jew patrimonjali li jiċċirkola fuq in-netwerk ferrovjarju għall-pubbliku ġenerali.***

Or. en

9.11.2011

A7-0367/141

Emenda 141

Saïd El Khadraoui, Debora Serracchiani
fisem il-Grupp S&D

Rapport

Debora Serracchiani

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)
COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

A7-0367/2011

Proposta għal direttiva

Artikolu 27 – paragrafu 3 – punt 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza tal-maniġment stabbilit fl-Artikolu 4 u dment li dan id-dritt ikun ingħata direttament mil-liġi kostituzzjonali tal-anqas sentejn qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-parlament nazzjonali jista' jkollu d-dritt li jiskrutinizza u, fejn adatt, jirrevedi l-livell tal-imposti determinati mill-maniġer tal-infrastruttura. Tali reviżjoni, jekk ikun hemm, għandha tiżgura li l-imposti huma konformi ma' din id-Direttiva, il-qafas stabbilit tat-tqegħid tal-imposti u r-regoli tat-tqegħid tal-imposti.

Or. en

9.11.2011

A7-0367/142

Emenda 142

Sabine Wils

f' isem il-grupp GUE/NGL

Rapport

Debora Serracchiani

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)

COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

A7-0367/2011

Proposta għal direttiva

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Fin-nuqqas ta' regoli komuni dwar l-allokazzjoni ta' spejjeż tal-infrastruttura, l-Istati Membri, wara li jikkonsultaw lill-manijer tal-infrastruttura, għandhom jistabbilixxu regoli li jaħsbu **biex l-impriżi** ferrovjarji **jħallsu** għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja. Tali regoli **ma għandhomx** jiddiskriminaw bejn l-impriżi ferrovjarji.

Emenda

(9) Fin-nuqqas ta' regoli komuni dwar l-allokazzjoni ta' spejjeż tal-infrastruttura, l-Istati Membri, wara li jikkonsultaw lill-manijer tal-infrastruttura, għandhom jistabbilixxu regoli li jaħsbu **għall-impriżi** ferrovjarji għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja. Tali regoli **la għandhom** jiddiskriminaw bejn l-impriżi ferrovjarji **u lanqas joħlqu opportunità ta' dumping soċjali fir-rigward tal-persunal tal-ferroviji involuti.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tapplika għar-regoli u mhux għall-imposti tal-infrastruttura: in-nondiskriminazzjoni bejn l-impriżi hija dispożizzjoni ċara, u fuq l-istess livell, din id-dispożizzjoni għandha tapplika għall-ħaddiema involuti u impjegati mal-Impriżi Ferrovjarji meta japplikaw għal servizz.

AM\883150MT.doc

PE472.775v01-00

9.11.2011

A7-0367/143

Emenda 143

Sabine Wils

f' isem il-grupp GUE/NGL

Rapport

Debora Serracchiani

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)

COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

A7-0367/2011

Proposta għal direttiva

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Il-valutazzjoni ta' jekk il-bilanċ **ekonomiku** tal-kuntratt ta' servizz pubbliku jistax jiġi kompromess, għandha tqis kriterji predeterminati bħall-impatt fuq **il-profitabbiltà** ta' kwalunkwe servizz li hu inkluż fil-kuntratt ta' servizz pubbliku, id-domanda tal-passiġġieri, il-prezzijiet tal-biljetti, l-arranġamenti tal-biljetti, il-lokalità u n-numru ta' waqfiet fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera u l-iskeda ta' ħin u l-frekwenza tas-servizz il-ġdid propost. Skont din il-valutazzjoni u d-deċiżjoni tal-korp regolatorju rilevanti, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, jimmodifikaw jew jimpedixxu d-dritt ta' aċċess għas-servizz mixtieq internazzjonali tal-passiġġieri, inkluż l-impożizzjoni ta' piżijiet fuq l-operatur ta' servizz internazzjonali tal-passiġġieri ġdid, f'konformità mal-analiżi **ekonomika** u skont il-liġi tal-Unjoni u l-prinċipji tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni.

Emenda

(17) Il-valutazzjoni ta' jekk il-bilanċ **soċjoekonomiku** tal-kuntratt ta' servizz pubbliku jistax jiġi kompromess, għandha tqis kriterji predeterminati bħall-impatt fuq **l-affidabbiltà** ta' kwalunkwe servizz li hu inkluż fil-kuntratt ta' servizz pubbliku, **inklużi impatt konsekwenzjali kemm fuq il-politika tal-koeżjoni u t-trasport dwar iż-żona kkonċernata u kemm fuq l-ispiża netta għall-awtorità pubblika kompetenti li tat il-kuntratt**, id-domanda tal-passiġġieri, il-prezzijiet tal-biljetti, l-arranġamenti tal-biljetti, il-lokalità u n-numru ta' waqfiet fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera u l-iskeda ta' ħin u l-frekwenza tas-servizz il-ġdid propost. Skont din il-valutazzjoni u d-deċiżjoni tal-korp regolatorju rilevanti, l-Istati Membri **jew awtoritajiet kompetenti lokali** jistgħu jawtorizzaw, jimmodifikaw jew jimpedixxu d-dritt ta' aċċess għas-servizz mixtieq internazzjonali tal-passiġġieri, inkluż l-impożizzjoni ta' piżijiet fuq l-operatur ta' servizz internazzjonali tal-passiġġieri ġdid, f'konformità mal-analiżi **soċjoekonomika** u skont il-liġi tal-Unjoni u l-prinċipji tal-ugwaljanza, **tat-trasparenza** u tan-nondiskriminazzjoni.

Or. en

AM\883150MT.doc

PE472.775v01-00

Ġustifikazzjoni

Kuntratti ta' servizz pubbliku jingħataw biex ikun hemm konformità mal-miri tal-politika soċjali u ta' koeżjoni filwaqt li titqies ukoll l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, sadattant tali kriterju ekonomiku mhux i-uniku wieħed utilizzat mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet kompetenti lokali u għaldaqstant iridu jwieġbu għal tali rikjesta.

9.11.2011

A7-0367/144

Emenda 144

Sabine Wils

f' isem il-grupp GUE/NGL

Rapport

Debora Serracchiani

Żona ferrovjarja unika Ewropea (riformulazzjoni)

COM(2010)0475 – C7-0268/2010 – 2010/0253(COD)

A7-0367/2011

Proposta għal direttiva

Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) L-Istati Membri **għandu jkollhom l-għażla li** jippermettu **li x-xerrejja tas-servizzi** ferrovjarji jidħlu fil-proċess tal-allokazzjoni tal-kapaċità b' mod dirett .

Emenda

(38) L-Istati Membri **jistgħu** jippermettu **biss lill-impriżi** ferrovjarji **liċenzjati li jixtru servizzi ferrovjarji li** jidħlu fil-proċess tal-allokazzjoni tal-kapaċità b' mod dirett.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-impriżi ferrovjarji liċenzjati biss għandu jkollhom id-dritt li japplikaw u jkollhom aċċess għal servizzi ferrovjarji għax il-kapaċitajiet iċċertifikati tagħhom huma kapaċi jiżguraw konformità sħiħa ma' dispożizzjonijiet integrati dwar is-sikurezza.